2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li d-deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata bi żball manifest ta’ evalwazzjoni sa fejn hija tqis li Delta ssodisfat ir-rekwiżit ta’ “użu xieraq”.

   Ir-rikorrenti ssostni li peress li Delta għażlet li titbiegħed mill-offerta tagħha, il-Kummissjoni kellha tiddetermina jekk din id-deroga u l-livell definittiv tal-użu tal-islots setgħux jiġu aċċettati fid-dawl tal-indikaturi ekonomiċi rilevanti u tal-analiżi sabiex tiġi żgurata l-kompetizzjoni u għalhekk tiżgura li l-benefiċċji tal-konsumatur jiġu mmassimizzati.

---

**Rikors ippreżentat fit-12 ta’ Lulju 2018 – WN vs Il-Parlament**

**(Kawża T-431/18)**

(2018/C 319/26)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

## Partijiet

*Rikorrent:* WN (rappreżentanti: L. Levi u A. Champetier, avukati)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew

## Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-konvenut tat-28 ta’ Settembru 2017 li jtemm il-kuntratt tar-rikorrent;

— jekk ikun il-każ, tannulla d-deċiżjoni tal-konvenut tal-4 ta’ April 2018 li tiċħad l-ilment imressaq mir-rikorrent fis-7 ta’ Novembru 2017;

— tikkundanna lill-konvenuta tħallas kumpens għad-dannu lir-rikorrent għad-danni morali mġarrba minnu, li l-ammont tagħhom ġie stmat għal EUR 20 000;

— tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrimborsa lir-rikorrent l-ispejjeż kollha sostnuti mir-rikorrent fil-kuntest ta’ din il-proċedura.

## Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq difetti proċedurali fosthom ksur tad-drittijiet tad-difiża u b’mod partikolari tad-dritt għal smigħ kif ukoll tal-obbligu ta’ motivazzjoni.

2. It-tieni motiv, huwa bbażat fuq il-ksur tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-proċedura ta’ konċiljazzjoni u b’mod partikolari l-Artikoli 23 u 25 tal-modalitajiet ta’ applikazzjoni tat-Titolu VII Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 1d tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta’ Uffiċjali Oħra tal-Unjoni Ewropea, tal-Artikoli 21 u 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea kif ukoll d-Direttiva 2006/54/KE ([1]).

4. Ir-raba’ motiv huwa bbażat ibbażat fuq żball manifest ta’ evalwazzjoni mill-konvenut fir-rigward tal-elementi li jinsabu fid-deċiżjonijiet ikkontestati.

5. Il-ħames motiv huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipju ta’ amministrazzjoni tajba, prinċipju ta’ protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi kif ukoll tad-dmir ta’ premura li l-konvenut kellu l-obbligu li josserva fir-rigward tar-rikorrent.

([1]) Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta’ Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta’ opportunitajiet indaqs u ta’ trattament ugwali ta’ l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta’ impjiegi u xogħol (tfassil mill-ġdid) (ĠU 2006, L 204, p. 23).